

Brussell, 10 ta' Marzu 2025
(OR. en)

6787/25

COH 15

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet dwar il-koeżjoni u l-Politika ta' Koeżjoni ta' wara l-2027 – <i>Approvazzjoni</i>

1. L-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Presidenza dwar il-koeżjoni u l-Politika ta' Koeżjoni ta' wara l-2027 ġie eżaminat fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali u Reġjuni Ultraperiferiċi tat-23 ta' Jannar, tas-6 u l-20 ta' Frar, u s-7 ta' Marzu 2025. L-iskambji mad-delegazzjonijiet fil-livell tal-grupp ta' ħidma wasslu għall-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota.
2. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jagħti parir lill-Kunsill biex japprova dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsabu fl-Anness ta' din in-nota.

ABBOZZ TA'**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-koeżjoni u l-Politika ta' Koeżjoni ta' wara l-2027****IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:**

- (1) IFAKKAR li dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill huma mingħajr preġudizzju għan-negożjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2027;
- (2) IFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Novembru 2022 dwar il-Politika ta' Koeżjoni, ta' Novembru 2023 dwar il-futur tal-Politika ta' Koeżjoni, ta' Ġunju 2024 dwar id-9 Rapport dwar il-Koeżjoni, kif ukoll ta' Novembru 2024 dwar ir-rwol tal-Politika ta' Koeżjoni fl-indirizzar tal-isfidi demografiċi fl-UE;
- (3) IFAKKAR fl-Aġenda Strateġika 2024-2029, adottata mill-Kunsill Ewropew fis-27 ta' Ġunju 2024, li tirrikonoxxi l-ħtieġa li tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, filwaqt li timmira għal konverġenza 'l fuq kontinwa, tnaqqas id-disparitajiet, iżżid ir-reżiljenza u l-kompetittività tagħna u tistimula t-tkabbir fit-tul fl-Unjoni kollha, sabiex jiġi promoss l-iżvilupp armonjuż ġenerali tal-UE;
- (4) IFAKKAR fil-messaġġ ewlieni tad-Dikjarazzjoni ta' Budapest dwar il-Patt il-Ġdid dwar il-Kompetittività Ewropea li tiddikjara li *quddiem realtajiet ġeopolitiċi ġodda, u l-isfidi ekonomiċi u demografiċi [...] u l-ħtieġa li jiġu żgurati s-sovranià, is-sigurtà, ir-reżiljenza u l-influwenza globali tal-UE, jenħtieġ li l-UE tistinka biex tkun kompetittiva, produttiva, innovattiva u sostenibbli, filwaqt li tibni fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u tiżgura konverġenza;*
- (5) JILQA' l-fatt li l-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024–2029 tal-President tal-Kummissjoni Ewropea jirrikonoxxu *[l-ħtieġa ta'] politika msaħħa ta' koeżjoni u tkabbir bir-reġjuni fiċ-ċentru [tagħha][...] [mfassla fi] sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali [biex jiġu indirizzati] d-disparitajiet reġjonali u soċjali;*

- (6) JINNOTA r-rapporti ta' Letta u ta' Draghi¹, li jeżaminaw l-isfidi li qed tiffaccà l-UE u l-politiki tagħha li joperaw fi ħdan is-Suq Uniku;
- (7) JIEĦU NOTA tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE"² adottata fid-29 ta' Jannar 2025;
- (8) JIRRIKONOXXI l-importanza li jiġi żgurat li l-valuri tal-Unjoni u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jiġu applikati u rispettati b'mod effettiv fil-prattika, u li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu salvagwardjati. F'dan ir-rigward, ITENNI li hemm rabta ċara bejn ir-rispett għall-istat tad-dritt u l-Karta minn naħa waħda, u l-finanzjament tal-Unjoni min-naħa l-oħra, kif ukoll JENFASIZZA l-importanza tal-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni, b'kont meħud tar-Regolament dwar reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni;

Il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u r-rwol tagħha fl-indirizzar tal-isfidi tal-UE

- (9) IFAKKAR li l-oġettiv tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, kif stabbilit fit-Trattati, huwa fil-qalba tal-proġett Ewropew u li jenħtieġ li l-politiki u l-azzjonijiet tal-UE jikkontribwixxu għall-kisba ta' dan l-oġettiv billi jqisu d-dimensjoni territorjali tagħhom u l-koordinazzjoni tagħhom, u bl-involvement attiv tal-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati nazzjonali, reġjonali u lokali, kif rilevanti. F'dan il-kuntest, IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tanalizza regolarment id-disparitajiet territorjali fl-Istati Membri u r-reġjuni kollha. Fl-istess ħin, JINNOTA li l-kisba tal-oġettivi tal-politiki u l-azzjonijiet tal-UE teħtieġ l-inkorporazzjoni tad-dimensjoni territorjali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tagħhom.;

¹ Enrico Letta, *Much More than a Market* (Ħafna aktar milli suq, mhux disponibbli bil-Malti), April 2024; Mario Draghi, *The future of European competitiveness – A competitiveness strategy for Europe* (Il-futur tal-kompetittività Ewropea – Strateġija għall-kompetittività għall-Ewropa, mhux disponibbli bil-Malti), Settembru 2024.

² Id-dok. 5785/25

- (10) HUWA MĦASSEB dwar l-impatt territorjali u soċjetali asimmetriku ta' diversi sfidi li l-UE, l-Istati Membri u r-reġjuni tagħha jiffaċċjaw, b'mod partikolari l-ħtieġa li jsaħħu l-kompetittività, ir-reżiljenza u s-sigurtà, filwaqt li jindirizzaw it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, u l-isfidi demografiċi. JINDIKA li, jekk ma jiġux indirizzati, dawn jistgħu jwasslu biex ħafna reġjuni jintlaqtu minn diverġenza gradwali, staġnar ekonomiku jew jaqgħu f'nassa tal-iżvilupp, u b'konsegwenza ta' dan jiżdiedu d-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali fl-UE kollha u jiġi pperikolat il-proġett Ewropew;
- (11) JENFASIZZA li l-indirizzar ta' dawn l-isfidi jirrikjedi koordinazzjoni u azzjonijiet koerenti fil-livell tal-UE, li jenħtieġ li jiġu żviluppati fi djalogu mill-qrib bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u, fejn rilevanti, l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-partijiet ikkonċernati. F'dan il-kuntest JENFASIZZA l-importanza tal-promozzjoni ta' komplementarjetajiet u sinerġiji ċari fost il-politiki tal-UE u li jiġu evitati duplikazzjonijiet bejn l-istrumenti differenti;
- (12) IQIS li jenħtieġ li l-qafas tas-Semestru Ewropew jindirizza b'mod regolari l-oġettiv ta' konverġenza u, fejn rilevanti, id-dimensjoni territorjali tiegħu, fi sħubija sħiħa mal-Istati Membri;

II-Politika ta' Koeżjoni u l-kompetittività

- (13) IFAKKAR fir-rapport ta' Letta, li jenfasizza li Politika ta' Koeżjoni effettiva, implimentata b'mod bilanċjat fl-UE kollha, hija kundizzjoni ewlenija għas-suċċess tas-Suq Uniku;
- (14) JAGĦRAF li "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE" tqis li "*Politika ta' Koeżjoni modernizzata hija kruċjali għat-tisħiħ tat-tkabbir, għat-tnaqqis tad-disparitajiet, u għat-trawwim tal-kompetittività fis-Suq Uniku kollu, waqt li tappoġġa lir-reġjuni u lill-komunitajiet fl-iżvilupp fit-tul tagħhom u fit-tranżizzjoni ġusta tagħhom.*" u tinnota b'mod partikolari r-rwol tal-promozzjoni tal-ħiliet u l-impjiegi ta' kwalità bħala faċilitatur orizzontali;

- (15) JAFFERMA MILL-ĠDID li l-kompetittività u l-koeżjoni huma interkonnessi. Il-koeżjoni teħtieġ il-kompetittività bħala xprun tat-tkabbir, filwaqt li l-kompetittività mingħajr koeżjoni tinjora l-potenzjal sħiħ li l-UE għandha toffri. JENFASIZZA r-rwol kemm tat-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE kollha kemm hi, kif ukoll tat-titjib tal-koeżjoni fil-pajjiżi u r-reġjuni kollha, li b'hekk jikkontribwixxu għall-kisba tal-prijoritajiet strateġiċi tal-UE u jindirizzaw l-isfidi tal-UE b'mod sinerġetiku;
- (16) JEMMEN li sabiex tingħata spinta lill-kompetittività u r-reżiljenza tal-Ewropa, jeħtieġ li l-UE timmobilizza l-muturi għat-tkabbir kollha tagħha. JENFASIZZA r-rwol tal-Politika ta' Koeżjoni fil-kontribut li tagħti għall-kompetittività billi tisfrutta l-potenzjal ta' tkabbir tat-territorji kollha, inkluż ir-reġjuni inqas żviluppati, u tibni fuq il-ħiliet lokali. JISĦAQ FUQ l-importanza ta' Strateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti, it-tiswir ta' networks ta' kooperazzjoni, inkluż it-trasferiment tal-għarfien, ir-riċerka u l-innovazzjoni, biex ir-reġjuni jiġu meġhuna jiżviluppaw kapaċitajiet kompetittivi, isaħħu l-ktajjen tal-valur reġjonali u jintegraw fil-ktajjen tal-valur dinjija. Dan isaħħaħ ir-reżiljenza fit-tul tar-reġjuni, jippromovi konverġenza 'l fuq u jnaqqas id-disparitajiet interreġjonali u intrareġjonali u l-iskuntentizza soċjali;

Sisien u prinċipji ewlenin tal-Politika ta' Koeżjoni

- (17) IFAKKAR li l-Politika ta' Koeżjoni, peress li hija ċentrali għall-proġett ta' integrazzjoni Ewropea, hija l-politika ta' investiment strutturali fit-tul tal-UE li tnaqqas id-disparitajiet reġjonali fl-UE u żżid il-konverġenza 'l fuq u r-reżiljenza tar-reġjuni tal-UE. JENFASIZZA li jenħtieġ li l-Politika ta' Koeżjoni tkompli tikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet u l-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni Ewropea filwaqt li tindirizza l-oġettivi nazzjonali u reġjonali;

- (18) JAFFERMA MILL-ĠDID li jenħtieġ li l-Politika ta' Koeżjoni tkompli tkun ibbażata fuq il-prinċipji ewlenin tagħha, bħall-ġestjoni kondiviża, il-governanza f'diversi livelli, is-sħubija, kif ukoll l-approċċ ibbażat fuq in-nies u fuq il-post, li qed jiġu applikati flimkien mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà. IFAKKAR li dawk il-prinċipji ewlenin huma kruċjali għall-involviment xieraq tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u l-partijiet ikkonċernati fil-programmazzjoni, l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-Politika ta' Koeżjoni, li jenħtieġ li jseħħu kemm jista' jkun qrib iċ-ċittadini Ewropej u għall-benefiċċju tagħhom, u b'hekk it-twertiq tal-politika jsir b'mod aktar orjentat lejn in-nies, minn isfel għal fuq u effiċjenti. JENFASIZZA li dawk il-prinċipji jsaħħu l-mudell kollu tal-integrazzjoni Ewropea filwaqt li joħolqu sens ta' responsabbiltà u valuri kondiviżi;
- (19) JISTIEDEN lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-approċċ territorjali permezz ta' azzjonijiet aġġustati għall-ħtiġijiet u l-opportunitajiet ta' diversi oqsma. JAGĦRAF li l-istrumenti territorjali jistgħu jieħdu kont aħjar tal-istrateġiji territorjali eżistenti fl-Istati Membri. JEMMEN li oqsma funzjonali, li jibbażaw, fost l-oħrajn, fuq konnessjonijiet urbani-rurali, jistgħu jservu ta' qafas effettiv għall-implimentazzjoni ta' strateġiji mfassla apposta u jindirizzaw sfidi li jmorru lil hinn mil-limiti amministrattivi;
- (20) JENFASIZZA li l-Politika ta' Koeżjoni għandha tibqa' miftuħa għar-reġjuni kollha, b'mod partikolari dawk li huma anqas favoriti, iż-żoni rurali, iż-żoni milquta minn tranżizzjoni industrijali, ir-reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti bħar-reġjuni tat-Tramuntana mbiegħda b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna u r-reġjuni insulari, transkonfinali u muntanjużi, kif imsemmi fl-Artikolu 174 TFUE. JENFASIZZA li jenħtieġ li l-Politika ta' Koeżjoni tkompli taqdi rwol ewlieni fit-tnaqqis tad-disparitajiet reġjonali fl-UE, billi tgħin lir-reġjuni inqas żviluppati jlaħħqu ma' dawk aktar żviluppati, bil-ħsieb tal-konverġenza 'l fuq tal-Unjoni. JIRRIKONOXXI l-importanza li jiġu indirizzati l-isfidi relatati mal-instabbiltà ġeopolitika fil-fruntieri esterni tal-UE, b'attenzjoni speċjali għall-Istati Membri u r-reġjuni li huma l-aktar affettwati mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, speċjalment ir-reġjuni bi fruntieri mar-Russja u l-Belarużja u dawk bi fruntieri mal-Ukrajna; JAGĦRAF l-isfidi għall-Istati Membri u r-reġjuni relatati mal-pressjonijiet migratorji, inkluż dawk ikkawżati mill-kunflitti li għaddejjin.

- (21) JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tar-Reġjuni Ultraperiferiċi fi ħdan l-UE u l-kontribut tagħhom għall-projezzjoni tal-interessi u l-valuri tal-UE lil hinn mill-fruntieri Ewropej tagħha. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mill-Artikolu 349 TFUE, b'mod li trawwem l-integrazzjoni reġjonali tagħhom u tiggarrantixxi li jiġu riflessi regoli adegwati fil-Politika ta' Koeżjoni wara l-2027, minbarra li l-ispeċifikitajiet u r-restrizzjonijiet tagħhom jiġu kkunsidrati fi kwalunkwe proposta leġiżlattiva oħra;
- (22) JISSOTTOLINJA li l-fergħat kollha tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea jrawmu rabtiet u integrazzjoni reġjonali aktar b'saħħithom fost l-Istati Membri, kif ukoll jikkultivaw relazzjonijiet pożittivi bejn l-UE u l-pajjiżi sħab tagħha. JAPPELLA lill-Kummissjoni tesplora modi possibbli biex issaħħaħ il-kooperazzjoni interreġjonali, tranżnazzjonali u transfruntiera, bil-ħsieb li twassal għal reżiljenza akbar u funzjonament imtejjeb tas-Suq Uniku u żvilupp transfruntier armonjuż. JENFASIZZA l-ħtieġa li jittejjbu s-sinerġiji bejn il-programmi prinċipali u l-programmi Interreg;
- (23) IFAKKAR li l-Politika ta' Koeżjoni mhijiex għodda ta' rispons għall-kriżijiet, filwaqt li jirrikonoxxi l-kapaċità tagħha li tirrispondi għal ċirkostanzi mhux previsti u mhux mistennija li potenzjalment jistgħu jheddu l-kapaċità ta' żvilupp tar-reġjuni. Fl-istess ħin, JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni biex tislet tagħlimiet mir-reazzjonijiet tal-Politika ta' Koeżjoni għall-kriżijiet reċenti, sabiex jiġu ssimplifikati l-istrumenti ta' emerġenza eżistenti u tiġi żgurata l-effettività akbar tagħhom;

Il-Governanza tal-Politika ta' Koeżjoni

- (24) JISĦAQ FUQ il-fatt li l-ġestjoni kondiviża trid tibqa' l-metodu ta' twettiq tal-Politika ta' Koeżjoni;

- (25) IFAKKAR fl-importanza tal-governanza f'diversi livelli li tippermetti interventi effettivi fl-aktar livelli territorjali xierqa f'kull Stat Membru, filwaqt li fl-istess ħin issaħħaħ is-sens ta' responsabbiltà kondiviża. Flimkien mal-ġestjoni kondiviża u d-djalogu mas-sħab, kemm matul il-fażi ta' programmazzjoni kif ukoll dik ta' implimentazzjoni, il-governanza f'diversi livelli tiffaċilita l-kisba tal-għanijiet ta' politika msejsa fuq it-Trattat u tagħti s-setgħa lill-Istati Membri, u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali. F'dan il-kuntest JAPPELLA lill-Kummissjoni biex iżżomm ir-rwol tagħhom fil-governanza tal-Politika ta' Koeżjoni u t-twettiq tal-għanijiet tal-UE abbażi tal-potenzjali territorjali u l-isfidi speċifiċi tagħhom;
- (26) JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-mudell ta' governanza tal-Politika ta' Koeżjoni jkompli jirrispetta d-diviżjoni eżistenti tal-kompetenzi u s-sistema ta' koordinazzjoni fost il-livelli differenti ta' gvern f'kull Stat Membru u r-rwol tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fit-tfassil, il-programmazzjoni, il-ġestjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika;
- (27) JISSOTTOLINJA li huma meħtieġa istituzzjonijiet b'saħħithom, governanza tajba u kapaċità amministrattiva għal implimentazzjoni effettiva tal-politiki, ir-riformi u l-investimenti, inkluż fil-konfront ta' sfidi ġodda u li qed jevolvu malajr. Għaldaqstant, mingħajr ħsara għas-sistemi eżistenti fl-Istati Membri, JAPPELLA lill-Kummissjoni tipproponi miżuri effettivi biex tappoġġa t-tiżi tal-kapaċitajiet amministrattivi u istituzzjonali fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali fil-qafas tal-Politika ta' Koeżjoni;

L-effettività u l-effiċjenza tal-Politika ta' Koeżjoni

- (28) IFAKKAR li l-Politika ta' Koeżjoni hija politika ta' investiment fit-tul u li t-titjib tal-effiċjenza u l-effettività tal-Politika ta' Koeżjoni jista' jinkiseb billi ssir enfasi fuq ir-riżultati. JIRRIKONOXXI li l-Politika ta' Koeżjoni tista' tippermetti riformi rilevanti għall-oġġettivi tal-Politika ta' Koeżjoni li huma konformi mal-prijoritajiet tal-Unjoni, filwaqt li jiġu rispettati l-prijoritajiet tal-Istati Membri; JENFASIZZA li jenħtieġ li l-prinċipji u l-oġġettivi ewlenin tal-Politika ta' Koeżjoni jiġu rispettati fid-definizzjoni tal-investimenti u r-riformi;

- (29) JISTIEDEN lill-Kummissjoni tesplora għażliet għal approċċ ibbażat aktar fuq il-prestazzjoni abbażi tat-tagħlimiet meħuda minn finanzjament mhux marbut ma' kostijiet u għażliet ta' kostijiet simplifikati, u mill-esperjenza tal-mudelli eżistenti, u b'kont debitu meħud tal-evalwazzjonijiet u l-awditi disponibbli tas-sistemi bbażati fuq il-prestazzjoni, inkluż dawk imwettqa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. JINDIKA li jekk jiġi introdott approċċ aktar ibbażat fuq il-prestazzjoni, ikunu meħtieġa approċċ aktar flessibbli, inkluż fil-programmazzjoni, u approċċ aktar imfassal apposta li jirrikonoxxi l-ħtiġijiet u l-isfidi territorjali speċifiċi;
- (30) Filwaqt li jiġu ppreservati l-pedamenti u l-prinċipji ewlenin tal-Politika ta' Koeżjoni, JAPPELLA GĦAL aktar simplifikazzjoni u tnaqqis tal-piż amministrattiv fil-livelli kollha u l-istadji kollha tal-programmazzjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, il-kontroll u l-awditjar; fl-istess ħin JISTIEDEN lill-Kummissjoni tipproponi regoli ta' implimentazzjoni aktar uniformi għall-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, biex tiġi evitata l-multiplikazzjoni tal-fondi u titnaqqas il-frammentazzjoni tal-appoġġ; JISSOTTOLINJA wkoll l-importanza tas-simplifikazzjoni u koerenza akbar tar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat fl-istrumenti kollha tal-UE, inkluż il-Politika ta' Koeżjoni, u tas-simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti u kompetizzjoni ġusta fis-Suq Uniku;
- (31) IFAKKAR fil-ħtieġa tal-armonizzazzjoni u l-proporzjonalità tal-kontrolli u l-awditi, kif ukoll l-estensjoni tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' awditu uniku, filwaqt li jinżammu standards għoljin għall-prevenzjoni tal-frodi u l-korruzzjoni u l-ġlieda kontribom fil-livelli kollha;
- (32) JISTIEDEN lill-Kummissjoni tagħmel il-Politika ta' Koeżjoni aktar orjentata lejn ir-riżultati, b'mod partikolari biex tuża approċċ ibbażat fuq l-evidenza fit-tfassil tal-qafas tal-politika futura u tkompli tiżviluppa u tissimplifika s-sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni stabbiliti sew sabiex tivvaluta kif l-investimenti u r-riformi jwettqu għanijiet strateġiċi, issaħħaħ l-għodod imfassla għall-eżaminar tal-impatti potenzjali u reali tal-interventi ta' politika, kif ukoll tkompli tintegra l-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali fit-tnejn u l-evalwazzjoni tal-politika;

* * *

- (33) JISTENNA B'INTERESS il-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tar-riżultati mir-rieżami tal-politika dwar l-impatt tat-tkabbir futur fuq il-Politika ta' Koeżjoni;
- (34) JISTENNA li jirċievi proposti għall-pakkett leġislattiv li jmiss għall-Politika ta' Koeżjoni kmieni kemm jista' jkun fl-2025, sabiex ikunu jistgħu jsiru negozjati rapidi u jingħata bidu f'waqt u bla xkiel għall-implimentazzjoni tiegħu.
-